# Ġabra ta' Laqmijiet ta' Familji u/jew ta' Nies Partikolari milli Niftakar fi Żmieni

## - Medda ta' 70 Sena - fis-Siġġiewi

*minn Pawlu Aquilina*

**"Ta' min intom?" - "Ta' min jgħidulkom?" - "Ta' min isibukom?" - "Missierek minn ta' min hu?" jew "Ommok minn ta' min hi?" F'kelma waħda, "*X'LAQAM GĦANDKOM?*"**

Forsi tistagħġbu jekk ngħidilkom li, sa daqs ħamsin sena ilu, hekk kien jistaqsi għalik min kien irid isir jafek sewwa, isib fejn toqgħod, int min int! Il-laqam kien qisu l-karta ta' l-identità ta' kull wieħed u waħda minna, bl-indirizz u bir-razza u r-radika b'kollox! Sas-snin tletinijiet kien jinkiteb ukoll fil-"ktieb tax-xogħol" wara l-isem u l-kunjom. Saħansitra meta wieħed kien jitħajjar jitgħarras, kienu, mil-laqam, ikunu jafu wkoll hemmx mard f'dik il-familja jew ir-razza tagħha!

Kienet ukoll mistoqsija naturali u ta' ebda mistħija, għax dak kien il-lingwaġġ tal-poplu jew popolin ta' dak iż-żmien, kemm fl-irħula u, xi ftit inqas, fil-bliet.

Minn hawn nirraġuna li l-laqmijiet kienu minn dejjem, forsi qabel l-ismijiet u żgur qabel il-kunjomijiet tan-nies. Anzi nżid ngħid li ħafna mill-kunjomijiet jafu nisilhom mil-laqmijiet u mis-snajja', id-drawwiet jew il-karattri tan-nies infushom, bħal m'huma l-kunjomijiet FENEK, BORġ, GRIXTI eċċ. fil-Malti, u BAKER, SMITH, PILLOW eċċ. fl-Ingliż kif jinsabu wkoll f'ilsna oħra.

Meta l-poplu kien għadu nieqes ħafna jekk mhux għal kollox mill-edukazzjoni elementari u la kien jaf jikteb ismu u lanqas jaqrah, ftit li xejn kien jinqeda bih biex wieħed isejjaħ lil ieħor b'isem milli bil-laqam jew b'kelma, hi x'inhi, basta li biha jingħaraf wieħed mill-ieħor. Saħanistra llum għadna nsibu nies li jirreferu għal xulxin b'xi kelma li mhix isem imma speċi ta' laqam li permezz tagħha jkunu jafu għal min qed jgħidu, bħal "Taf x'qalli n-**Niksu**? Qalli li kellu jiġi l-**Foxy** biex jeħodni għand in-**Nemes**".

Dawn il-laqmijiet personali jew tal-familja kienu mill-aktar komuni, hekk li ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-ġurnata ta' llum; li ġara hu li qed jispiċċa l-laqam tar-razza jew dak tal-familja, u floku dieħel il-laqam personali, ivvintat mill-ħbieb, sħab tax-xogħol jew nies oħra.

Qabel ma ż-żmien inessini dak li hu stess għallimni, qtajtha li nikteb dawk il-laqmijiet kollha li minn tfuliti sa llum - medda ta' 70 sena - smajt jingħadu f'raħal twelidi, is-Siġġiewi, raħal li għalkemm illum m'għadux maqtugħ daqskemm kien għalih waħdu, xorta waħda għadu jgawdi dak it-tiżwiq karatteristiku u soċjali kollu kemm hu tiegħu mhux biss fil-ħajja ta' kuljum imma wkoll fil-kelma u l-idjoma ta' lsienu, imżewwaq ukoll bil-laqmijiet personali u tal-familja li, kif għedt, ħafna minnhom għadhom jinstemgħu sa llum, għalkemm mhux daqs dari.

L-akbar diffikultà li sibt fil-ġbir tagħhom hi li l-laqmijiet personali tħalltu u ħafna drabi

ħadu post il-laqmijiet tal-familja jew tar-razza. Hekk "tal-Ħaddied" jaf ikun minn tar-razza "Tal-Ħatri" imma għax jaħdem ta' ħaddied ħa dan il-laqam personali u mhux dak ta' razztu. Din it-taħbila mhux dejjem stajt neħles minnha u kelli ħafna drabi ndaħħalhom it-tnejn.

Irrid ukoll, qabel xejn, nitlob skuża lil dawk li forsi għadhom sa llum jieħdu għalihom meta jaraw stampat jew jisimgħu laqamhom, għalkemm xorta waħda **isimhom ma jidhirx f'din il-lista** u għalhekk min ma jafx laqamhom jibqa' xorta waħda ma jafx min huma dawk li jġibu dak il-laqam.

Il-ġabra ta' laqmijiet, b'ordni alfabetika:

1. Abjad, Ta' l-
2. Aħmar, Ta' l-
3. Ajjota, Ta' l-
4. Arbitlu, Ta' l-
5. Arluġġier, Ta' l-
6. Armla, Ta' l-
7. Aropu, Ta' l-
8. Axisa, Ta'

1. Bażżu, Ta'
2. Babozz, Tal-
3. Badbud, Tal-
4. Badigu, Tal-
5. Baġiġa, Tal-
6. Baġlu, Tal-
7. Baħni, Tal-
8. Baħri, Tal-
9. Bajli, tal-
10. Balapatata, Ta'
11. Bali, Tal-
12. Baloks, Tal-
13. Balula, Ta'
14. Bambin, Tal-
15. Bandallu, Ta'
16. Banni, Tal-
17. Barbarija, Ta'
18. Barbażepp, Tal-
19. Barjol, Tal-
20. Basal, Tal-
21. Battarija, Ta'
22. Bażżu, Ta'
23. Bebbuxa, Ta'
24. Beċċun, Tal-
25. Bejbellek, Ta'
26. Bejżu, Ta'
27. Bejjet, Tal-
28. Bellu/a, Tal-
29. Bendu, Ta'
30. Bergew, Ta'
31. Bernardajja, Tal-
32. Berqa, Tal-
33. Berququ, Ta'
34. Bezzuna, Ta'
35. Bilbel, Tal-
36. Bilblija, Tal-
37. Biżża, Ta'
38. Bizzilli, Ta'
39. Bobes, Tal-
40. Boċċa, Tal-
41. Bolb, Tal-
42. Bolloq, Ta'
43. Bomblu, Tal-
44. Bombollić, Tal-
45. Bondina, Ta'
46. Bonniċi, Ta'
47. Boqqu, Tal-
48. Borbinu, Ta'
49. Borma, Ta'
50. Boxbox, Tal-
51. Boxt, Ta'
52. Boxu, Tal-
53. Brazz, Tal-
54. Brimbu, Tal-
55. Brinċellu, Ta'
56. Brinża, Tal-
57. Bronka, Ta'
58. Broxka, Ta'
59. Bubajxu, Ta'
60. Buġann, Tal-
61. Bumbullić, Tal-
62. Bus idejn ommu, Ta'
63. Bużubba, Ta'

1. Ċaċċu, Taċ-
2. Ċaċċarun, Taċ-
3. Ċaċol, Ta'
4. Ċafien, Taċ-
5. Ċafott, Taċ-
6. Ċanċolin, Iċ-, Taċ-
7. Ċantar, Taċ-
8. Ċappa, Iċ-
9. Ċaqċaq/Ċeqċeq, Ta'
10. Ċaqlaqha, Ta'
11. Ċar, Taċ-
12. Ċeqnu, Taċ-
13. Ċiċċinu, Taċ-
14. Ċiċra, Ta'
15. Ċikka Ċikk, Ta'
16. Ċikles, Ta'
17. Ċileqqu, Ta'
18. Ċimblu, Taċ-
19. Ċniepru, Ta'
20. Ċoċu, Taċ-
21. Ċoken, Taċ-
22. Ċraret, Ta'
23. Ċuċka, Taċ-
24. Ċuċkita, Taċ-
25. Ċuċu, Taċ-
26. Ċupla, Ta'

1. Ester, Ta'

1. Dajku, Tad-
2. Dalfons, Ta'
3. Dandu, Id-
4. Danza, Ta'
5. Daqdaq, Id, Tad-
6. Dawwâr, Tad-
7. Debono, Tad-

8. Deffien, Tad-
9. Dernis, Tad-
10. Difermu, Ta'
11. Dingli/ija, Tad-
12. Djamant, Tad-
13. Dobra, Tad-
14. Dobbuwa, Tad-
15. Dolloq, Ta'
16. Domni, Tad-
17. Donċ, Id-, Tad-
18. Dorbies, Ta'

1. Fanali, Tal-
2. Faqsu, Il-, Tal-
3. Fattu, Ta'
4. Fazzi, Ta'
5. Feċċetti, Ta'
6. Fieres, Tal-
7. Fissud t'ommu, Tal-
8. Flejgu, Tal-
9. Fokin, Tal-
10. Forn, tal-
11. Fsieqi, Tal-
12. Funtanier, Tal-
13. Furkett, Tal-
14. Furnar, tal-

1. Ġakk, Ta'
2. Ġanġu, Ta'
3. Ġanni ta' Kalċ, Ta'
4. Ġemmenk, Ta'
5. Ġenpetrew, ta'
6. Ġienja, Ta'
7. Ġiġu, Ta'
8. Ġina, Ta'
9. Ġiżma, Ta'
10. Ġiżwit, Tal-
11. Ġlormu, Ta'
12. Ġniep, Tal-
13. Ġovannita, Ta'
14. Ġożwè, Ta'
15. Ġuħ, Ta'
16. Ġwież, Tal-

1. Gabaj, Tal-
2. Gabba, Tal-
3. Gajjes, Ta'
4. Garmu, Ta'
5. Gass, Tal-
6. Gelegus, Tal-
7. Genewu, Tal
8. Gerbubi, Tal-
9. Germuda, Ta'
10. Ginna, Tal-
11. Ginnu/wa, Ta'
12. Git, Tal-
13. Grand, Tal-
14. Grandu, Tal-
15. Gredilja, Ta'
16. Grezzjol, Ta'
17. Grieg, Tal-
18. Grima, Ta'
19. Gurxun, Tal-

1. Għaġin, Ta' l-
2. Għakku, Ta' l-
3. Għasafar, Ta' l-
4. Għattuqa għamja, Ta' l-
5. Għawdxija, Ta' l-
6. Għeżżu, Ta'
7. Għeriebel, Ta' l-
8. Għewdu, Ta' l-
9. Għoli, Ta' l-

1. Ħaddied, Tal-
2. Ħadidu, Ta'
3. Ħaħaj, Tal-
4. Ħalib, Tal-
5. Ħalluqi, tal-
6. Ħanżiru, tal-
7. Ħanfusa, Ta'
8. Ħanxul, Tal-
9. Ħarraj, Tal-
10. Ħaruf, Tal-
11. Ħarwilla, Ta'
12. Ħassu, Il-
13. Ħatri, Tal-
14. Ħaxkinha, Ta'
15. Ħaxku, Tal-
16. Ħaxwa, Ta'
17. Ħeppu, Ta'
18. Ħerki, Tal-
19. Ħixka, Tal-
20. Ħomor, Tal-

1. Iskarpan, Ta' l-
2. Isqalli, Ta' l-

1. Jannar, Ta'
2. Joli, Ta'

1. Kaċnar, Ta'
2. Kajjin, Ta'
3. Kajlola, Ta'
4. Kalamonja, Ta'
5. Kalozz, Ta'
6. Kanèn, Ta'
7. Kanġatur, Tal-
8. Kanġu, Ta'
9. Kapitanu, Ta'
10. Kaproċċ, Ta'
11. Karamellu, Ta'
12. Karlu, Ta'
13. Karnivala, Ta'
14. Kaskun, Ta'
15. Kaspan, Ta'
16. Kastigi, Ta'
17. Katnazz, Tal-
18. Katotu, Ta'
19. Keċisu, Ta'
20. Kejli, Tal-
21. Kejżer, Tal-
22. Kelin, Ta'
23. Kiesaħ, Tal-
24. Kikka, Ta'
25. Kisser, Ta'
26. Klin, Tal-
27. Kloru, Ta'
28. Koli, Ta'
29. Konda, Ta'
30. Koxxtu, Ta'
31. Kristofru, Ta'
32. Kromb, Tal-
33. Kromos, Ta'
34. Kozzu, Ta'

35. Kudi, Tal-
36. Kuka, Ta'
37. Kuzzu, Ta'

1. Landi, Tal-
2. Landier, Tal-
3. Laprapaj, Ta'
4. Leċikk, Ta'
5. Leġiża, Ta'
6. Lerlikk, Ta'
7. Lipp, Ta'
8. Lixx/u/a, Tal-
9. Logħbu, Ta'
10. Lorbu, Ta'
11. Lukkej, Tal-
12. Lumija, Il-

1. Madlien, Ta'
2. Maġġur, Tal-
3. Majdra, Ta'
4. Majjistra, Tal-
5. Majsi, Ta'
6. Mamo, Ta'
7. Manċ, Tal-
8. Mangarellu, Ta'
9. Manigold, Tal-
10. Manun, Ta'
11. Mastru, Tal-
12. Matti, Ta'
13. Mazzarell, Tal-
14. Megin, Tal-
15. Menz, Ta'
16. Messa, Ta'
17. Miġit *(Midget)*, Il-
18. Milord, Tal-
19. Milsa, Tal-
20. Minka taż-Żepp, Ta'
21. Mitqub, Tal-
22. Modi, Tal-
23. Morin, Il-, Tal-
24. Mortulla, Tal-
25. Mosti, Tal-
26. Mutu, Tal-

1. Naħli, Tan-
2. Nard, Ta'
3. Nassa, Tan-
4. Nata, Ta'
5. Nemes, Tan-
6. Newett, Tan-
7. Ntejlez, Ta'
8. Nuħħala, Tan-
9. Nunu, Tan-
10. Nutar, Tan-
11. Nuzzi, Ta'

1. Paċpaċ, Ta'
2. Paj, Ta'
3. Pajpaj, Tal-
4. Pajsa, Ta'
5. Paklas, Tal-
6. Palales, Ta'
7. Paniżu, Ta'
8. Pantelew, Ta'
9. Papas, Ta'
10. Parapira, Ta'
11. Parent, Tal-
12. Parsottu, Ta'
13. Passiġġier, Tal-
14. Patakku, Ta'
15. Patri, Tal-
16. Peċiċa, Tal-
17. Pejs, Ta'
18. Penza, Ta'
19. Peppina, Ta'
20. Persien, Ta'
21. Pesisa, Ta'
22. Pesisu, Ta'
23. Pespus, Tal-
24. Pexpex, Ta'
25. Pexkerellu, Ta'
26. Pexpxu, Ta'
27. Pezizilla, Ta'
28. Pisonu, Ta'
29. Piti, Tal-
30. Pitrolju, Tal-
31. Pizu, Tal-
32. Pizzer, Ta'
33. Plattu, Ta'
34. Pranz(a), Ta'
35. Prext, Ta'
36. Puntul, Tal-
37. Putes, Tal-

1. Qabla, Tal-
2. Qaddisa, Tal-
3. Qallutu, Ta'
4. Qanċula, Ta'
5. Qannebusu, Ta'
6. Qarweż, Ta'
7. Qatta' Basal, Ta'
8. Qawwi, Tal-
9. Qdejdes, Ta'
10. Qonnot, Ta'
11. Qormija, Tal-
12. Qrendija, Tal-
13. Qriemeċ, Ta'
14. Qroqqa, Tal-
15. Qorru, Tal-
16. Quċċu, Tal-

1. Rabti/ja, Tar-
2. Rafiel, Ta'
3. Rajs, Tar-
4. Randa, Ta'
5. Rasu, Ta'
6. Ratinu, Ta'
7. Reġina, Tar-
8. Rellu, Tar-
9. Rixu, Ta'
10. Rmażina, Ta'
11. Rnajx, Ta'
12. Rokku, Ta'

1. Saba' rġiel, Ta'
2. Sagristan, Tas-
3. Sajd, Tas-
4. Sajfi, Tas-
5. Salerno, Ta'
6. Sanbunazz, Tas-
7. Santu, Ta'
8. Sarafin, Ta'
9. Sardella, Ta'
10. Seba' rġiel, Ta'
11. Sfinġi, Ta'

12. Sidor, Ta'
13. Sieqha, Ta'
14. Sikkina, Ta'
15. Sikuċin, Is-
16. Silġa, Tas-
17. Silla, Tas-
18. Sìmi, Tas-
19. Simmienu, Tas-
20. Simoru, Ta'
21. Sinċier, Tas-
22. Sinjur, Tas-
23. Sissu, Tas-
24. Sitta xaħam, Ta'
25. Skejti
26. Skeliċċ, Ta'
27. Skikri, Ta'
28. Skuti, Ta'
29. Slaċes, Ta'
30. Smina, Ta'
31. Sottmarin, Tas-
32. Spaga, Ta'
33. Strinġi l-viti, Ta'
34. Sufa, Tas-
35. Suffara, Ta'
36. Sufu, Is-
37. Sultan, Tas-
38. Surġent, Tas-
39. Sus, Tas-
40. Susormu, Ta'
41. Swofa, Ta'

1. Tabibu, Tat-
2. Tajjeb, Tat-
3. Tajlot, Tat-
4. Taljana, Tat-
5. Tamlu, Tat-
6. Tank, Tat-
7. Tingi, Tat-
8. Tojsu, It-
9. Toqbi, Tat-
10. Tufa, Ta'
11. Tusu, Tat-

1. Valent, Ta'
2. Vava, Tal-
3. Venut, Ta'
4. Vilja, Ta'
5. Virġinja, Ta'

1. Wekk, Ta'
2. Wiżu, Ta'

1. Xafra, Tax-
2. Xagħru, Ta'
3. Xaħxaħun, Tax-
4. Xakwett, Ta'
5. Xantè, Ta'
6. Xatba, Tax-
7. Xemxu, Ta'
8. Xengel, Ta'
9. Xerrufi, Tax-
10. Xiħu, Tax-
11. Xlendi, Tax-
12. Xmun, Ta'
13. Xwajħ, Ta'

1. Żabetta, Ta'
2. Żabgħa, Taż-
3. Żagi, Taż-
4. Żajżott, Taż-
5. Żakra, Ta'
6. Żamboqq, Taż-
7. Żapuniera, Taż-
8. Żbubu, Ta'
9. Żebbiegħ, Taż-
10. Żebbuġija, Taż-
11. Żerrek, Ta'
12. Żejpu, Ta'
13. Żibatur, Taż-
14. Żibġi, Taż-
15. Żimilliera, Taż-
16. Żobu, Taż-
17. Żnoppu, Ta'
18. Żommoru, Ta'
19. Żoqdi, Taż-
20. Żraben, Ta'
21. Żrengigi, Ta'
22. Żuba, Taż-
23. Żuri, Taż-
24. Żwepi, Ta'

1. Ziklejtu, Taz-
2. Zirellu, Ta'
3. Zliz, Taz-
4. Zokkor, Taz-
5. Zolli, Ta'
6. Zoppa, Taz-
7. Zozz, Taz-

**Kompetizzjoni:** Nagħti tliet kotba bil-Malti bħala rigal lil min jibgħatli l-akbar għadd ta' **laqmijiet ta' familji/persuni Siġġiwin li MHUMIEX f'din il-lista ta' hawn fuq**. Tingħata preferenza lil-laqam tal-familja. Id-deċiżjoni ta' l-għażla tkun finali.

Indirizzaw l-ittri tagħkom lil: **P. Aquilina, 97, "Massabielle", Triq it-Tabib Nikola Zammit, is-Siġġiewi QRM 12**. Żmien sal-15 ta' Lulju, 2002. Niżżlu wkoll isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħkom.

Ir-riżultat jitħabbar nhar il-Ħadd 4 ta' Awissu, fin-*notice board* tal-Każin tal-Banda San Nikola.